# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 3**

**Rikors Numru 538/21TA**

**Hani Kamal 421711L**
**vs**
**Avukat Dr. Martin Fenech u Prokuratur Legali Louisa Tufigno b'digriet tal-5 ta' Lulju 2021 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jihdru għall-assenti Jordan Kelly 0603702L u b'digriet datat 21 ta' Frar 2022 ġew estromessi l-kuraturi deputati maħtura u minflok qed jassumi l-atti Jordan Kelly**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Hani Kamal (l-Attur) tat-2 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fil-jum tat-13 ta' Frar 2019 huwa kien impenjat f'dak li allura kien xogħolu bħala xufier mas-soċjetà Malta Public Transpost, u kien fil-fatt qiegħed

isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS631, li kienet qiegħda topera fuq ir-rotta bin-numru 202 li tmur minn Tas-Sliema għar-Rabat;

2. Illi dakinhar stess l-intimat Jordan Kelly 0603702L kien passiġġier tal-vettura msemmija u fuq l-istess rotta;

3. Illi filwaqt li kien hekk passiġġier, l-intimat beda diverbju vokali mal-esponent li minnu rriżulta li l-intimat, bl-eċċessi mmirati, vjolentissimi u kriminali tiegħu, ikkawża danni permanenti f'għajn tal-esponent, liema aġir ma jsib ebda ġustifikazzjoni jew skużanti skond id-dritt;

4. Illi b'riżultat tal-aġir tal-intimat Jordan Kelly ir-rikorrenti sofra diversi danni;

5. Illi r-rikorrenti prova jinterpella lill-intimat għal diversi drabi sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni, fosthom permezz ta' ittra bonarja segwita b'ittra uffiċjali enumerata 3473/2020 iżda bin-notifika tal-aħħarija tirriżulta negattiva fid-data tat-3 ta' Novembru 2020 u bir-referta tal-uffiċjal Christine Cassar tindika li l-intimat Jordan Kelly "gone away", iżda dwar dan l-esponent jirrileva li l-indirizz misjub u użat minnu għan-notifika tal-esponent kien, u għadu sal-preżentata ta' dan ir-rikors, l-istess wieħed li jinsab fir-reġistri elettorali, kif jista' jiġi provat jekk meħtieġ.

6. Illi fin-nuqqas ta' kompensazzjoni għad-danni u tenut kont tas-surriferit, l-esponent kellu jressaq din l-azzjoni u kontestwalment talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed umilment jitlob li għar-raġunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara l-konvenut Jordan Kelly responsabbli għad-danni sofferti mill-esponent b'kawża u bi ħtija tal-aġir tal-istess konvenut;

2. Tillikwida dawk id-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

B'riżerva għal kwalunkwe azzjoni jew rimedju ieħor a dispożizzjoni tal-istess rikorrent.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 3473/2020 u bl-imgħaxijet legali kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta’ ta Jordan Kelly (il-konvenut) tal-11 ta’ Marzu 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li l-konvenut ma hux bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni u per konsegwenza ma hux responsabbli ghall-hsara li allegament sofra l-attur u dan kif ser jigu pruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

*2.* Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussewgwenti- talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni allegetament sofferti mill-attur u dan stante li l-konvenut agixxa dejjem fil-binjari tal-ligi, ossia in *legittima difesa;*

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonjiet precedenti u dawk sussewgwenti kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz ma hux minnu li l-konvenut beda xi diverbju verbali u ma hux minnu li kien hemm xi eccessi mmirati, vjolentissimi u kriminali fil-konfront tal-attur kif qed jallega l-istess attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet precedenti u dawk sussewgenti l-attur ghandu jipprova l-allegazzjonijiet minnu maghmulha in sostenn tat-talbiet tieghu;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, lattur ghandu jipprova n-ness bejn id-danni allegatament subiti minnu u l-konvenut;

6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, kwalunkwe danni allegatament subiti huma unikament attribwibbli lill-attur u/jew hemm elementi ta` kontributorjeta` da parti tal-attur;

7. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda prodotta mill-partijiet fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Din hija kawża dwar inċident li nqala bejn il-partijiet fuq Trakk tal-Linja. L-attur kien is-sewwieq, mentri l-konvenut kien passiġġier. Dan l-inċident seħħ fit-13 ta' Frar 2019.

Skond l-Attur, dan l-inċident ġie provokat mill-konvenut, meta dan ta' l-aħħar beda joffendih u jkellmu ħażin. Hu jgħid li ma felaħx aktar għall-insulti u jallega wkoll li l-konvenut saħansitra ħebb għalih. Fl-inċident iż-żewġ partijiet issubew ġrieħi, pero' dawk tal-Attur jidhru li kienu aktar gravi.

Għalhekk l-Attur għamel din il-Kawża għad-danni minħabba l-ħsara permanenti li sofra f'ġismu.

**Punti ta' Liġi**

Il-punti tal-liġi huma ċari. L-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquliana u ċioe` l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-riżarċiment ta' danni kawżati b'mod kolpuż. Għalhekk, id-danni li qiegħed jgħid li sofra l-attur, għandhom in-ness kawżali tagħhom marbutin intrinsikament mal-aġir kolpuż tal-konvenuti tant li fiċ-ċitazzjoni jippremetti li l-aġir tal-konvenut kien vjolentissimu u kriminali.

Fit-tieni lok l-Attur qiegħed jippretendi li l-konvenut jkun ikkundannat iħallas id-danni fit-termini ta' dak li jistipula l-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara." (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et - vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

Għalhekk b'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Dan irid jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmlu. Dan qed jingħad fir-rigward tan-ness jew rabta tad-danni intrinsikament mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li *"Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili."* (ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

Intqal li hemm proċeduri kriminali kontra l-Attur u kif fehmet il-Qorti anke kontra l-konvenut. Kif ġie kemm -il darba ribadit li l-proċeduri kriminali m'għandhomx impatt determinanti u ma jinċidux fuq il-jedd tal-Attur li jinqeda bir-rimedju ċivili mogħti bl-azzjoni istitwita. Di fatti l-azzjoni ċivili ma tiġix sospiża sakemm tiġi determinata l-ħtija tal-akkużat u tista' tirnexxi anke jekk l-akkużat jiġi liberat fil-proċess kriminali. Dan minħabba li l-piż tal-prova rikjesta f'kull waħda minnhom huwa differenti: F'azzjoni ċivili, l-Qorti hija msejħa biex, fuq l-iskorta tal-provi mressqa quddiemha ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12, tiddeċiedi tilqax jew le t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut fuq bażi ta' probabbilitá. F'azzjoni kriminali, l-Qorti hija msejħa biex tiddeċiedi, fuq l-iskorta tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, jekk l-akkużat huwiex ħati oltre d-dubju dettat mir-raġuni u għandha tilliberah jekk jissussisti dan id-dubbju.

Din id-distinzjoni hija riflessa fi tlett artikoli tal-Kodiċi Penali: i) l-imsemmi artikolu 3 li espressament jissepara ż-żewġ azzjonijiet; ii) it-tifsira ta' azzjoni kriminali taħt l-artikolu 4(1) bħala waħda mhux privata, jiġifieri tal-vittma (bħal ma hi azzjoni ċivili li hija azzjoni privata tal-Attur), iżda "*essenzjalment pubbblika*" li "*tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ skont il-liġi";* iii) dak li jiddisponi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 li "*l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra*"

F'dan ir-rigward intqal li "Il-*Ligi tagħna tagħmel distinzjoni netta bejn iż-żewg tipi ta' azzjoni li jitnisslu mill-istess reat iżda jimxu indipendentement minn xulxin, bi kriterji differenti li japplikaw għall-piż probatorju. Fil-kamp kriminali l-prova trid tkun oltre kull dubbju raġjonevoli filwaqt li fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruż tal-bilanċ ta' probabilita'. Għaldaqstant hija wisq possibbli li akkużat li jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih fil-forum kriminali minħabba li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-każ sal-grad rikjest xorta jinstab li hu responsabbli għad-danni fil-forum civili. Din id-distinzjoni ssib espressjoni elokwenti u sempliċi fl-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. ... Minn dan l-artiklu jitnissel ukoll l-iskop ewlieni taż-żewġ toroq proċedurali, is-sejba ta' ħtija tal-akkużat, u l-ħlas tal-ħsara kkaġunata bir-reat rispettivament."* (**Carmel Aquilina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 31 ta' Jannar 2019** u ara wkoll **Trattato breve delle Responsabilita` Civile, Giovanni Visitini, Ed. 1996, Pg 66 u 67**).

Madanakollu u minkejja li ż-żewġ proċeduri għandhom jinżammu separati, il-ġudizzju in sede penale u l-atti, dokumenti u x-xhieda kollha mressqa quddiem din is-sede, jistgħu jinġiebu bħala prova fil-proċeduri ċivili sabiex dik il-Qorti, fis-sede ċivili tagħha, tikkunsidrahom flimkien mal-bqija tal-atti, dokumenti u x-xhieda l-oħra mressqa quddiemha.

Fl-aħħar nett irid jingħad li għalkemm l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili huma prettament ċivili, dawn xorta jistgħu jkunu utilizzati ai fini ta' responsabbilita'

anke jekk id-danni jkunu naxxenti minn aġir voluntarju u addirittura kriminali, bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**

Bħal ma jiġri dejjem f'każijiet bħal dawn, il-Qrati dejjem jiġu wiċċ imbwiċċ ma' żewġ verżjonijiet konfliġġenti għall-aħħar. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħallmu dawn il-Qrati u ċioe' "*trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqgħod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti mogħtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tiegħu fuq il-provi dokumentali li għandhom iwassluh għas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*" (ara **Sentenza tas-27 ta' Ġunju, 2007 Appell Ċivili fl-ismijiet Joseph Cutajar -vs- Albert Satariano per lmħallef Philip Sciberras**).

Di pju meta dan ikun il-każ, ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex issib ħtija minħabba l-konflittwalita' u diverġenza tal-verżjonijiet. Il-Qorti għandha dejjem tfittex mill-provi li jkollha quddiemha liema waħda mill-verżjonijiet hija l-aktar verosimili. Jibda biex jingħad, li bħala prinċipju f'dan ir-rigward u jmiss lill-konvenut iressaq il-provi għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-verżjoni tal-attur, *reus in excipiendo fit actor*. (ara **Sentenzi fl-ismijiet Raymond Cutajar - vs- Slipform Engineering International Limited, Qorti tal-Appell (Superjuri) 27 ta' Marzu 2020** u kif ukoll **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi, Qorti tal-Appell (Inferjuri) 12 ta' April, 2007**).

Issa l-Qorti fliet sewwa l-provi. L-Attur jgħid li kien il-konvenut li ħebb għalih mentri l-konvenut iwieġeb li dak li għamel għamlu bħal leġittima difesa. In-nozzjoni ta' leġittima difesa hija bbażata fuq l-inevitabbilita' tal-azzjoni li l-aġent, ikun kostrett li jagħmel f'sitwazzjoni fejn isib ma' wiċċu aggressjoni gravi u nġusta. (Ara **Sentenza tat-13 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet Norbert Farrugia -vs- John Farrugia u Pawla Farrugia, Prim Awla Qorti Ċivili per Imh Noel Cuschieri**).

Huwa ta' siwi li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-investigaturi tal-Pulizija, li għażlu li jmexxu kontra l-Attur u mhux kontra l-konvenut, għalkemm kontra dan tal-aħħar ukoll inbdew proċeduri kriminali wara sfida tal-Attur biex imexxi kontra l-konvenut. F'dan ir-rigward l-ispettur Matthew Galea jixhed li mill-footage tas-CCTV camera kien "*gie inizzjat minn kuntatt fiziku li bdieh Hani Kamal. Ma rajt l-ebda provokazzjoni, kif ukoll rajt tul ta' hin fejn kien qiegħed Jordan Kelly kien maqbud f'choke hold minn Hani Kamal u jiena rajt li ma kienx hemm agir, hsieb ta' animu nutricenti (recte nocendi) minn naha ta' Jordan Kelly illi jferi lil Hani Kamal, Hani Kamal ukoll ikkonfrontajtu bl-inkostistenza meta hu qalli attakah għall-ebda raguni fejn bidilli l-verzjoni u qal illi Hani Kamal qabad lil Jordan Kelly it-tieni darba qalli għax uza l-kelma iffakkjah. Jien xorta ma dehrilix li fuq assalt verbali għandna nirrikorru għal sahha fizika*" (a' fol 95). Ikompli jispjega li "… *Hani Kamal imbagħad fl-id li hakmu, bl-id l-ohra li biha hakem lil Jordan Kelly, tah daqqa go rasu, daqqa ohra ta' harta u imbagħad kien is-sur Kelly, li dar lura, bdiet it-taqbida …)* (a' fol 95 tergo).

Aktar minn hekk il-Bord ta' Dixxiplina tal-Awtorita' ma emmnitx il-verżjoni tal-Attur. Li kieku l-verżjoni tiegħu kienet minnha, il-Bord ċertament kien jasal għall-konklużjoni oħra. Fil-fatt f'ittra tal-25 ta' Marzu 2019 l-Awtorita tat-trasport qaltlu hekk : "*During the hearing, for which you attended with your Trade Union, you presented your version of events ... After considering all available evidence, I regret to inform you that the Company has decided that your employment will be terminated with immediate effect"* (a' fol 240 Emfażi tal-Qorti). B'ittra datata 12 ta' April 2019 l-Attur ġie infurmat mill-Appell intern tal-Awtorita' tat-Trasport li d-deċiżjoni fuq imsemmija ġiet konfermata (a' fol 241). L-Attur baqa' ma għamel ebda azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali biex jikkontesta li din it-tkeċċija hija inġusta, iżda minflok għażel li jagħmel din il-Kawża biss, kif *del resto* huwa dritt tiegħu.

Issa din il-Qorti rat kemm l-istills u anke l-filmat tas-CCTV camera li kien hemm fil-mumemt tal-inċident, li fil-fehma tagħha dawn huma l-perm tal-provi ta' dak li verament ġara (Ara Video tal-ġlieda a' fol137, 1132 KB u 10991 KB a' fol 97 sa 102). Dawn ix-xorta ta' provi jikkonfermaw jew jiċħdu l-verżjoni ta' naħa jew oħra. Skond din il-Qorti l-verżjoni mogħtija mill-konvenut hija l-aktar waħda verosimili. Minn dawn il-filmati, li sfortunatament ma għandhomx *audio*, jidher li l-ewwel daqqa taha l-Attur, li ggranfa mal-konvneut, li tassew qabdu minn għonqu u li minkejja li jgħid li ma kellux saħħa, għadd ta' nies, inkluż sieħbu Callus, kellhom battikata biex jaqalgħuh minn mal-konvenut, li dak iż-żmien kien għadu minuri. Daqs

li kieku dan ma kienx biżżejjed l-Attur żgiġġa jiġri għal wara l-konvenut, skond hu biex iżommu, flok ħa l-parir siewi ta' sieħbu Callus. Dan l-inċident ta' aggressjoni nqala' meta kif jirriżulta mill-provi l-konvenut kien ħiereġ 'l barra mill-Karozza, b'dana kollu l-Attur iġġebed biex ġibdu lejh, fil-fehma tal-Qorti bil-ħsieb li jaggredih. Meta mistoqsi għaliex ġibed il-konvenut lejh meta kien ħiereġ beda jkun evażiv sakemm wieġeb u qal *"… grali li ma nistax nissaportih"* (a' fol 189).

L-Attur jipprova jiġġustifika għemilu għaliex qal li l-konvenut baqa' joffendih. Apparti li mill-filmati din il-Qorti ma ħaditx din l-impressjoni, jibqa' l-fatt li ma messux ġab ruħu hekk. B'dan il-mod hu ġie li ta okkażjoni għall-inċident. Il-Qorti tfakkar f'dak li jgħid l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili : "*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew <u>tat okkażjoni għall-ħsara</u>, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhomjitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni".*

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm, dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza

kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara.

Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: kienet il-kawża ta' ġlieda). Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attur f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija.

Huwa minnu li l-Attur sofra xi ġrieħi. Pero' wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti waslet għall-konklużjoni li anke jekk dawn kienu kkawżati mill-konvenut, tassew dak li għamel kien b'leġittima difesa. Li kien għalih il-konvenut telaq minn fuq il-post u mhux kompla jkabbarhom. Pero' minħabba l-mod kif l-Attur b'ebda mod ma ried jerħiħ u li saħansitra beda jxejjer bil-ponn, il-konvenut ma kellu ebda xelta ħlief li jiddefendi lilu nniffsu b'idu, kif bidu l-Attur beda jagħti. Hawn huwa applikabbli l-prinċipju ta' *vim vim ripellere licet*.

Huwa dritt antik naturali, apparti legali, li huwa leċitu li l-vjolenza, fil-waqt li tkun qed titwettaq, tiġi ripellata bi vjolenza. Basta ma kellekx okkażjoni li taħrab minnha, li f'dan il-każ il-konvenut ma setax u basta l-mezzi użati biex tirripella jkunu proporzjonali, kif fil-fatt kienu fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Finalment il-Qorti ma tistax ma tosservax, anke jekk it-talbiet Attriċi ser ikunu miċħuda, li l-Attur ma sofra ebda danni permanenti. Apparti l-Perit maħtur mill-Qorti, il-Periti Perizjuri ma sabu ebda inkapaċita' permanenti

għalkemm kienet ferita per durata (a’ fol 286 u ara wkoll ix-xhieda in eskussjoni ta’ Dr. Gabriella Sciriha a’ fol 295 tergo u kif ukoll rapport ta’ Dr. Edward Basile Cherubino a’ fol 295C).

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi din il-Kawża billi **tiċħad it-talbiet kollha** tal-Attur bl-ispejjes kontra tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**